MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2003

Appell Civili Numru. 574/1993/1

**Brigitte mart Richard Vella minnu de facto separata**

**vs**

**Richard Vella, John u Dorothy konjugi Vella u b`Digriet tas-26 ta' Marzu, 1997, stante il-mewt ta' John Vella, l-atti gew trasfuzi f`isem Richard Vella u Dorothy Vella**

**Il-Qorti;**

**PRELIMINARI**

IC-CITAZZJONI TA` L-ATTRICI

1. B`citazzjoni pprezentata fil-Prim`Awla tal-Qorti Civili, l-attrici appellata, wara illi ppremettiet li – hija kienet zzewget mal-konvenut appellant Richard Vella fit-3 ta' Novembru 1984 u minhabba dissidji matrimonjali hija kellha tibda kawza ghas-separazzjoni fl-ismijiet "Brigitte Vella pro. et. noe. vs. Richard Vella" (Citazz Nru. 1100/92) quddiem din l-istess Qorti; peress illi s-somma li hija kienet inghatat bhala dota mill-genituri taghha l-ammont ta' tlett elef lira Maltin (Lm3000) kif ukoll somma ohra ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) li l-attrici appellata gabet maghha minn dak li kienet lahqet faddlet qabel iz-zwieg, gew imhallsa lill-konvenut John Vella bhala parti mill-bilanc tal-prezz tal-akkwist tal-fond "Jodorida", Triq il-Gardiel, Marsascala, li l-konvenut appellant Richard Vella kien xtara minghand il-konvenut John Vella, missieru, qabel iz-zwieg u precizament b`kuntratt tal-24 t`Ottubru, 1984; peress illi ammont iehor ta' madwar hames mitt lira Maltin (Lm500) kien jithallas kull sena lill-konvenut John Vella mill-qliegh ta' l-attrici u l-konvenut appellant Richard Vella, mill-impjieg rispettiv taghhom, u dana dejjem biex jithallas il-bilanc fuq l-istess dar fuq imsemmija, liema fondi thallsu mill-komunjoni ta' l-akkwisti, u li allura gie kellha kreditu fuq l-assi parafernali u personali tal-konvenut appellant Richard Vella; u peress illi permezz ta' kuntratt tal-4 ta' Mejju 1989, il-konvenuti John u Dorothy konjugi Vella kienu taw b`titolu ta' donazzjoni lill-konvenut appellant Richard Vella, il-fond numru 9, St Joseph Street, Zejtun, liema fond trattandosi ta' donazzjoni, kien jifforma parti mill-assi partikolari tal-konvenut appellant Richard Vella, liema assi pero` kellu dejn versu l-assi partikolari tal-attrici appellata, kif ukoll versu l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn l-attrici u zewgha l-konvenut appellant Richard Vella; u peress ukoll wara li bdew il-proceduri ghas-separazzjoni bejn l-attrici appellata u l-konvenut appellant Richard Vella, il-konvenuti b`kolluzjoni u ftehim bejniethom ghamlu minn kollox biex jiddefrawdaw lill-attrici appellata mid-drittijiet taghha u ghalhekk saru zewg kuntratti ohra u cioe` wiehed fis-6 ta' Ottubru 1992, bejn it-tlett konvneuti, li bih giet rexxissa d-donazzjoni li kienet maghmula mill-konjugi John u Dorothy Vella favur il-

konvenut appellant Richard Vella tal-fond numru 9, St Joseph Street, Zejtun, maghmula bil-kuntratt fuq imsemmi; u l-iehor tad-29 ta’ Dicembru 1992, li bih il-konvenut appellant Richard Vella assenja lil missieru John Vella, b`titolu ta’ “datio in solutum”, il-fond u dar tar-residenza konjugali b`isem “Jodorida”, Triq il-Gardiel, Marsaskala, li fiha ghadha tabita l-attrici appellata; peress illi b`hekk il-konvenut appellant Richard Vella, frawdolentement, gie spussessat ghal kollox minn kull proprjeta` immobbli li fuqha l-attrici appellata setghet tesegwixxi eventwalment il-pretensjonijiet taghha ghad-divizjoni u hlas ta’ sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti u tal-assi parafernali taghha, fil-kawza ta’ separazzjoni li ghadha pendenti u ghalhekk kollox sar ghad-dannu taghha u biex tigi defrawdata fid-drittijiet taghha; u peress li jidher car li dak li sar, sar b`kolluzjoni bejn il-konvenuti u biex jippregudika lill-attrici appellata, tant li l-konvenut John Vella, b`ittra legali tal-5 ta’ Jannar, 1993, intima lill-attrici appellata u lill-konvenut appellant Richard Vella biex johorgu mid-dar konjugali, meta hu kien jaf ben tajjeb li l-konvenut appellant Richard Vella gia ma ghadux jghix hemm u li hija l-attrici appellata, li flimkien ma bintha minuri Diana Vella, li ghadha tghix hemm wahidha; u peress li l-konvenuti, interpellati bi protest gudizzjarju biex jirrexxindu iz-zewg atti notarali fuq imsemmija, baqghu inadempjenti – talbet lill-Qorti sabiex tiddikjara u tiddeciedi:-

i. li l-kuntratt tas-6 ta’ Ottubru 1992, fl-atti tan-Nutar Dottor Angelo Vella, bejn it-tlett konvenuti, li bih giet rexxissa d-donazzjoni li kienet giet maghmula mill-konvenuti John u Dorothy konjugi Vella b`kuntratt ta’ donazzjoni tal-4 ta’ Mejju 1989, tal-fond 9, St Joseph Street, Zejtun, kif ukoll il-kuntratt tad-29 ta’ Dicembru, 1992, li fih il-konvenut appellant Richard Vella ta b`titolu ta’ “datio in solutum” lil missieru John Vella, il-fond “Jodorida”, Triq il-Gardiel, Marsaskala, fl-atti tan-Nutar Dr Peter Fleri Soler, saru t-tnejn biex tigi defrawdata l-attrici fil-krediti u pretensjonijiet taghha ghall-likwidazzjoni u divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u l-assi parafernali taghha, fil-kawza ta’ separazzjoni gia` minnha mibdija, kif fuq inghad;

ii. ghaliex m`ghandiex il-Qorti, konsegwentement tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmija zewg kuntratti huma nulli u bla effett u konsegwentment tordna r-rexxissjoni taghhom, it-thassir u l-annullament taghhom; u
iii. okkorrendo tinnomina Nutar pubbliku, biex jippubblika l-atti ta' rexxissjoni u thassir opportuni, fid-data, jum u lok li l-Qorti joghgobha tiffissa ghal dan l-iskop; u
iv. okkorrendo tinnomina kuraturi biex jidhru ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess atti.
Bl-ispejjez kollha komprizi dawk tal-protest gudizzjarju kontra l-konvenuti.

<u>L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUTI JOHN U DOROTHY KONJUGI VELLA</u>

2. Il-konvenuti John u Dorothy konjugi Vella eccepew:
i. Illi, preliminarjament, l-attrici ghandha tipprova n-natura u l-"quantum" tal-krediti pretizi minnha u li dawn il-krediti, jekk verament jezistu, ma jistghux jigu sodisfatti mill-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u bejn il-konvenut Richard Vella;
ii. Illi, fi kwalunkwe kaz, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu respinti, bl-ispejjez kontra l-istess attrici, stante illi l-esponenti m`agixxewx bi frodi kontra l-attrici, jew ghall-argument ukoll kontra binhom il-konvenut Richard Vella, izda semplicement in kawtela u ezekuzzjoni tad-drittijiet taghhom skond il-ligi.

<u>L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT RICHARD VELLA</u>

3. Il-konvenut Richard Vella eccepixxa s-segwenti:
i. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li mhux minnu dak li qed tallega l-attrici fic-citazzjoni taghha u cioe` li hija tinsab kreditrici tal-konvenut esponenti f`xi somma ta' flus. Jista' jkun li ghandha l-attrici, jekk ma tilfitx ukoll dan id-dritt, huwa sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejnha u l-konvenut, liema sehemha huwa arci kopert billi jikkonsisti fi flus li l-attrici stess

zbankat mill-kont bankarju li kellhom bejniethom jew f`isem wiehed minnhom ma’ bank kummercjali Malti.

ii. Illi in kwantu ghall-allegazzjoni tal-attrici il hija jew flimkien mieghu hallsu lil John Vella xi somma flus, kemm minn dawk li huwa parafernali taghha u kemm minn dak tal-komunjoni tal-akkwisti, din hija ghal kollox inveritjiera u ghalhekk ma tistax tigi milqugha.

iii. Illi l-attrici ma ghandhiex kreditu kontra l-konvenut allura ma tissusistix il-bazi tal-azzjoni attrici ai termini tal-Artiklu 1144 tal-Kodici tal-Procedura Civili.

B`digriet tas-26 ta’ Marzu, 1997, stante il-mewt tal-konvenut John Vella, l-atti gew trasfuzi f`isem Dorothy Vella u Richard Vella.

<u>IS-SENTENZA APPELLATA</u>

4. B`sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fis-26 ta’ Ottubru 2001, l-istess Qorti cahdet l-eccezzjonijiet tal-appellanti u laqghet it-talbiet tal-attrici appellata u (1) iddecidiet li l-kuntratt tas-6 ta’ Ottubru 1992, fl-atti tan-Nutar Dottor Angelo Vella, bejn il-tlett konvenuti, li bih giet rexxissa d-donazzjoni li kienet giet maghmula mill-konvenuti John u Dorothy konjugi Vella b`kuntratt ta’ donazzjoni tal-4 ta’ Mejju 1989, tal-fond 9, St Joseph Street, Zejtun, kif ukoll il-kuntratt tad-29 ta’ Dicembru, 1992, li fih il-konvenut Richard Vella ta b`titolu ta’ “*datio in solutum*” lill-missieru John Vella, il-fond, “Jodorida”, Triq il-Gardiel, Marsaskala, fl-atti tan-Nutar Dr Peter Fleri Soler , saru t-tnejn biex tigi defrawdata l-attrici fil-kreditu u pretensjonijiet taghha ghal-likwidazzjoni u divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u l-assi parafernali taghha, fil-kawza ta’ separazzjoni; (2) iddecidiet li l-imsemmija zewg kuntratti huma nulli u bla effett u konsegwentement ordnat ir-rexxissjoni taghhom, it-thassir u l-annullament taghhom; (3) innominat lin-Nutar Gerard Spiteri Maempel biex jippubblika l-atti ta’ rexxissjoni u thassir opportuni zmien xahrejn mid-data ta’ l-istess sentenza u (4) innominat lill-Avukat Dottor Audrey Demicoli bhala kuratur biex tidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess atti; bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

<u>L-APPELL TAL-KONVENUTI</u>

5. Illi l-appellanti hassew ruhhom aggravati minn din is-sentenza u interponew appell minnha fuq l-aggravji li gejjin:

(a) ilil l-Ewwel Qorti elenkat korrettement, fis-sentenza taghha, iz-zewg elementi li jikkostitwixxu l-azzjoni pawljana bhala l-“eventus damni” u l-“consilium fraudis”. Minghajr pregudizzju ghas-sottomissjonijiet illi ser jinghadu aktar `l isfel f`din in-nota, l-appellanti ma jaqblux mal-konkluzjoni illi waslet ghaliha l-Ewwel Qorti illi, mill-kumpless tal-provi prodotti, tezisti prova sufficjenti tal-ezistenza tal-ewwel element necessarju sabiex tirnexxi l-azzjoni pawljana – u aktar partikolarment illi l-attrici Brigitte Vella tikkwalifika bhala kreditrici tal-appellant Richard Vella.

Din is-sottomissjoni qed issir fl-isfond ta’ numru ta’ fatti evidenti li jemergu mill-kumpless tal-provi migjuba, u cioe` illi:

(i) fis-sentenza taghha, l-Ewwel Qorti rriteniet illi l-attrici jista` jkollha <u>kreditu potenzjali kontra l-komunjoni tal-akkwisti</u> – “potenzjali” ghaliex fi kliem l-istess Ewwel Qorti dan il-kreditu ma kienx gahdu gie likwidat definittivament bl-ezitu finali tal-kawza ta’ separazzjoni bejn il-kontendenti Brigitte Vella u Richard Vella pendenti quddiem il-Qorti ta’ l-Appell. Mis-sentenza stess tal-Ewwel Qorti, johrog car ghalhekk illi l-kreditu potenzjali tal-attrici seta’ kien dirett biss kontra l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti; u mhux fil-konfront tal-proprjeta` parafernali tal-appellant Richard Vella.

(ii) Il-proprjetajiet meritu tal-kawza odjerna ma jifformawx parti mill-komunjoni tal-akkwisti, izda huma l-proprjeta` partikolari tal-appellant Richard Vella. Mill-banda l-ohra, l-attrici ma ressqet l-ebda prova sabiex issostni l-premessa taghha illi l-komunjoni tal-akkwisti ma fihiex bizzejjed assi sabiex tissodisfa l-kreditu tal-attrici. F`dan ir-rigward, l-Ewwel Qorti qieset – fil-fehma umli tal-appellanti b`mod skorrett – illi “l-konvenut Richard Vella ma rnexxielux jipprova li huwa jipposjedi assi ohra li fuqhom l-attrici tista` tezegwixxi l-kreditu taghha”. Din il-prova tispetta proprjament lill-attrici, ghaliex hija hi li qeghdha tallega li ghandha kreditu kontra l-komunjoni u li qeghdha tibbaza l-azzjoni kollha taghha fuq din l-allegazzjoni. Mill-kumpless tal-provi, mhux talli ma

tirrizulta ebda evidenza in sostenn ta’ din l-allegazzjoni, izda talli (kif ser jigi indikat aktar `il quddiem f`dan ir-rikors) jirrizulta illi l-assi ezistenti fil-komunjoni huma aktar milli sufficjenti sabiex jigu kawtelati id-drittijiet pretizi mill-attrici;
(iii) L-attrici qeghdha tallega kreditu favur taghha personalment. L-azzjoni odjerna giet inizjata minn Brigitte Vella de proprio u ghalhekk jista` jitqies biss, fil-komputazzjoni tal-kreditu pretiz minnha, dak il-hlas dovut lilha personalment u – kif precizament identifikat fl-ewwel talba taghha – bhala derivanti mil-likwidazzjoni u divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u l-assi parafernali taghha fil-kawza ta` separazzjoni gia minnha mibdija;

Tenut kont tal-fatti kollha hawn fuq elenkati, l-appellanti jistghu, ghas-sahha biss ta’ l-argument, jaqblu mal-konkluzjoni parzjali li waslet ghaliha l-Ewwel Qorti, illi l-attrici jista` jkollha <u>biss</u> “<u>kreditu potenzjali kontra l-komunjoni tal-akkwisti</u>” – kif del resto ghandu wkoll l-appellant Richard Vella fir-rigward tas-sehem tieghu ta` nofs indiviz mill-assi derivanti mill-istess komunjoni. Li ma jistghux jifhmu, b`kull rispett, l-appellanti huwa kif l-Ewwel Qorti setghet possibilment waslet ghall-konkluzjoni illi l-attrici seta’ kellha xi kreditu wkoll fil-konfront tal-proprjeta` partikolari ta’ zewgha?

Illi l-konvenuti kienu stiednu lill-Ewwel Qorti sabiex tissospendi l-prosegwiment tal-kawza, sakemm ikun maghruf l-ezitu definittiv tal-kawza ta’ separazzjoni inizjata bejn il-kontendenti Brigette u Richard Vella, li kienet fi stadju ta’ appell – u li effettivament giet deciza qabel is-sentenza tal-Ewwel Qorti fil-kawza odjerna.

X`kien l-effett tas-sentenza definittiva tal-Qorti ta’ l-Appell tal-5 ta’ Ottubru 2001?

In succint, il-kreditu kollu pretiz mill-attrici gie kkonfermat anke mill-Qorti ta’ l-Appell bhala li jikkonsisti fis-segwenti:
(1) kull parti fiz-zwieg giet assenjata dak kollu li prezentement jinsab fil-pussess tal-istess parti, inkluz flus, oggetti prezzjuzi u vettura – kwindi f`dan ir-rigward ma tista’ tezisti ebda pretensjoni kontra l-komunjoni mill-attrici,

gialadarba l-oggetti assenjati lilha huma dawk li gia` jinsabu fil-pussess taghha;
(2) kull kont bankarju jew ma xi istituzzjoni finanzjarja ohra li prezentement jinsabu hekk depozitati kemm f`isem xi wahda mill-partijiet jew f`isimhom it-tnejn, ghandhom jigu zbankati, u flimkien mal-interessi u divizi f`zewg proprozjonijiet ugwali u assenjati lill-kontendenti – f`dan il-kaz, il-kreditu tal-attrici huwa limitat ghal somma determinabbli li gia` tinsab depozitata f`kont bankarju, u kwindi ma tezistix il-htiega ta' xi kawtela ulterjuri sew fil-konfront tal-bqija tal-assi derivanti mill-komunjoni, wisq anqas fil-konfront ta' proprjeta` partikoarli tal-appellant Richard Vella;
(3) l-attrici ghandha zzomm l-ammont parafernali li hija kienet gabet maghha meta zzewget u li ghadhom fil-pussess taghha – anke hawnhekk l-attrici ser izzomm ammonti li gia` jinsabu fil-pussess taghha, minghajr ebda dritt ulterjuri kontra l-komunjoni jew kontra zewgha.

Dan hu kreditu cert, likwidu u dovut li ghandha kumplessivament l-attrici kontra l-komunjoni u li huwa facilment ezegwibbli minnha – ghaliex jew qieghed gia` fil-pussess taghha jew inkella depozitat ma' istituzzjoni bankarja.

Ghas-skans ta' ekwivoci, qieghed jigi ccarat illi l-attrici ghandha wkoll rata ta' manteniment pagabbli favur taghha minn zewgha u li gie rivedut bis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, izda dan il-manteniment ma jaqax fil-parametri tal-premessi attrici u l-ewwel talba taghha, fl-azzjoni odjerna – billi l-manteniment ma jistax jitqies li hu derivanti mil-likwidazzjoni u divizjoni tal-assi tal-komuni jew parafernali tal-mizzewgin. Oltre dan, u f`kull kaz, l-Qorti tal-Appell hadet hsieb illi tassigura l-hlas ta' dan il-manteniment mir-ragel billi ordnat illi l-alimenti jitnaqqsu direttament mis-salarju tieghu.

Fejn hu l-kreditu, jistaqsu ghalhekk l-appellanti, illi l-appellata jista` jkollha fil-konfront tal-proprjeta` partikolari tal-appellant Richard Vella?

L-appellanti umilment jirritjenu illi tali kreditu, anke fuq bazi potenzjali, qatt ma ezista fil-konfront tal-proprjeta` partikolari tal-appellant Richard Vella, u ghalhekk l-esponent jissottomettu b`kull rispett illi l-attrici qatt ma setghet tikkwalifika bhala kreditrici, anke potenzjali, tal-appellant Richard Vella. Dan ifisser illi l-ewwel element necessarju sabiex tirnexxi l-azzjoni attrici kien evidentement mankanti.

(b) illi fil-fehma tal-appellanti, l-Ewwel Qorti naqset ukoll, milli taghmel valutazzjoni xierqa tac-cirkostanzi li wasslu, sew ghall-kuntratt tas-6 ta' Ottubru 1992 fl-atti tan-Nutar Dottor Angelo Vella – illi bis-sahha tieghu saret ir-rexxissjoni tad-donazzjoni illi l-konjugi John u Dorothy Vella kienu ghamlu favur binhom tal-fond bin-numru 9, St Joseph Street, Zejtun – u sew tal-kuntratt tad-29 ta' Dicembru 1992 fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Fleri Soler – illi bis-sahha tieghu l-appellant Richard Vella ta b`titolu ta' "datio in solutum" lil missieru l-fond "Jodorida", Triq l-Gardiel, Marsascala.

(i) Illi ghandu jigi rilevat, qabel xejn, illi l-ewwel fond, cioe` dak sitwat f`St Joseph Street, Zejtun, kien jikkostitwixxi d-dar tar-residenza ordinarja ta' John u Dorothy, konjugi Vella. Wara l-mewt ta' John Vella fil-mori tal-kawza odjerna, l-appellanti Dorothy Vella baqghet tokkupa l-istess dar bhala r-residenza taghha. Il-genituri, konjugi Vella kienu rregalaw dan il-fond lil binhom, l-appellant Richard Vella, fi zmien meta l-istess konjugi kienu ddecidew illi jqassmu gidhom bejn uliedhom matul hajjithom. Madanakollu, xi zmien wara dan il-kuntratt, kien beda d-dizgwid serju fiz-zwieg tal-kontendenti l-ohra f`din il-kawza (cioe` bejn il-konjugi Richard u Brigitte Vella) illi wassal, sahansitra, ghall-proceduri litigjuzi ta' separazzjoni bejniethom fl-1992. Ma' dan, wiehed irid izid ukoll il-konsiderazzjoni spjegata aktar `l isfel f`din in-nota, illi l-genituri konjugi Vella ma kienu qatt rcevew l-icken hlas akkont tal-prezz illi binhom, l-appellant Richard Vella kien obbliga ruhu li jhallashom in konnessjoni mal-akkwist tal-fond l-iehor meritu ta' din l-istess kawza, fejn kienu qed jirrisjedu l-konjugi Richard u Brigitte Vella bhala d-dar taz-zwieg taghhom.

Illi, fic-cirkostanzi spjegati, il-konjugi John u Dorothy Vella kellhom kull raguni gustifikata illi jaslu ghall-konkluzjoni logika illi huma kienu zbaljaw meta ddecidew illi jqassmu gidhom matul hajjithom u li jirregalaw lil binhom bid-dar tar-residenza taghhom. Fuq kollox, binhom Richard (u ghas-sahha tal-argument lanqas martu Brigitte) qatt ma wrew l-icken rikonoxxenza ghal dan ir-rigal gratuwitu – konsiderando illi l-konjugi Richard u Brigitte Vella mhux biss ma kienux hallsu imqar parti mill-bilanc tal-prezz dovut fuq id-dar taghhom stess, izda talli anke l-manutenzjoni fuq din l-ahhar dar (ta' residenza tal-konjugi Richard u Brigitte Vella) kien isir mill-missier.

Kien ghalhekk illi l-konjugi John u Dorothy hassew illi kellhom jipprotegu r-residenza billi jiehduha lura, u kienu ghal dan il-fini avvicinaw lil binhom, l-appellant Richard Vella, sabiex jaccetta li tigi rexissa d-donazzjoni tad-dar tar-residenza tal-genituri tieghu. U l-appellant Richard Vella accetta din il-proposta – b`rispett lejn il-genituri tieghu u x-xewqa taghhom.

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha hawn fuq esposti, l-appellanti jistaqsu fejn seta' possibilment jezisti l-allegat agir frawdolenti da parti tal-appellant Richard Vella, illi jghid iva ghax-xewqa tal-genituri tieghu u li jirrispetta d-decizjoni taghhom. L-appellanti enfasizzaw li f`dan il-kaz si tratta tad-dar tar-residenza tal-genituri; illi l-genituri kienu qed jibzghu, tajjeb jew hazin, illi setghu jitilfu d-dritt taghhom li jibqghu jirrisjedu f`din id-dar; illi l-genituri gia` kienu ddispjacuti bil-kbir ma binhom ghaliex lanqas ma kien qed ihallas ic-cens dovut lilhom fuq id-dar l-ohra – dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, izda, gew skartati totalment mill-Ewwel Qorti ghaliex hasset illi l-appellant Richard Vella ghazel semplicement li jiddefrawda lil martu mill-kreditu minimu u potenzjali li gia` gie kkunsiderat aktar `il fuq f`dan ir-rikors.

(ii) Illi, kwantu ghat-tieni fond meritu tal-kawza odjerna, dan il-fond kien inbiegh mill-istess konjugi John u Dorothy Vella favur binhom Richard Vella, qabel iz-zwieg tieghu mal-attrici. Il-kuntratt tad-29 ta' Dicembru 1992, fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Fleri Soler – li bih l-

appellant Richard Vella assenja l-istess fond lill-missieru b`titolu ta’ datio in solutum – sar semplicement ghaliex l-appellant irrikonoxxa illi ma kienx hallas il-bilanc tal-prezz dovut minnhu fuq l-istess dar, oltre li lanqas kien f`posizzjoni li jhallas dan id-debitu. L-attrici qeghdha tallega illi dan l-ahhar att sar bi frodi, ghaliex hi tirritjeni illi kienu saru pagamenti akkont tal-bilanc tal-prezz dovut lill-genituri. F`dan il-kaz, allura, l-oneru tal-prova tal-hlas jispetta unikament lill-attrici u l-aqwa prova skond il-ligi hija r-ricevuta tal-hlas allegat. L-attrici naqset milli ggib din il-prova, izda ssostni li l-file relattiv ittiehed mill-appellant zewgha. Mill-banda l-ohra, hija tammetti illi hadet il-files l-ohra kollha, appartenenti lill-konjugi Richard u Brigitte Vella, mid-dar konjugali. L-appellant Richard Vella jichad li saru dawn il-hlasijiet jew li jezistu dawn l-ircevuti tal-hlas; u dan il-fatt hu kkonfermat sew mill-appellanti Dorothy Vella u sew mid-defunt John Vella fl-affidavit tieghu, <u>maghmul fuq is-sodda tal-mewt.</u> F`dan l-ahhar rigward, l-esponenti jitolbu li jirrilevaw illi l-affidavit tal-missier, John Vella ezebit a fol. 207 u 208 tal-process, sar fl-ahhar jiem ta’ hajtu – precizament fl-14 ta’ Awissu 1996 – wara operazzjoni serja relatata mal-marda terminali tal-kancer illi l-istess John Vella ken jaf li kien qed isofri minnha. John Vella miet ftit gimghat wara, fit-12 ta’ Dicembru 1996 u fl-affidavit tieghu insibu c-cahda totali u assoluta ta’ kwalsiasi pagament allegat mill-attrici.
Fic-cirkostanzi kollha spjegati, u nonostante x-xhieda orkestrata tal-<u>familjari</u> prodotti mill-attrici, l-appellata ma rnexxilhiex iggib il-prova mehtiega, fil-grad ta’ probabilita’ necessarja, illi l-pagamenti saru u gew ricevuti mill-konjugi John u Dorothy Vella.
Anke f`dan il-kaz, ghalhekk, l-appellanti huma tal-fehma illi l-Ewwel Qorti naqset totalment milli taghti konsiderazzjoni xierqa lis-sottomissjonijiet kollha hawn fuq esposti, liema nuqqas wassal lill-istess Qorti sabiex tilqa` l-pretensonijiet attrici – forsi semplicement ghaliex l-attrici kienet tikkwalifika bhala kreditrici potenzjali kontra l-komunjoni tal-akkwisti ai termini tad-definizzjoni tal-kelma “kreditur” fl-artikolu 1144 tal-Kap. 16.

Illi ghalhekk is-sentenza appellata hija minn kull angolu li thares lejha skorretta u ghalhekk timmerita li tigi riveduta.

Ghaldaqstant, l-appellanti, talbu li dina l-Qorti joghgobha tannulla, tikkancella u tirrevoka s-sentenza appellata tas-26 ta' Ottubru 2001 fl-ismijiet premessi u minflok tilqa` l-eccezzjonijiet tal-konvenuti appellanti u tichad it-talbiet attrici kif dedotti fic-citazzjoni promotorja, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici appellata.

<u>IR-RISPOSTA TAL-APPELL TAL-ATTRICI APPELLATA BRIGITTE mart RICHARD VELLA</u>

5. L-appellata wiegbet hekk:

(i) Illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma u l-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni tajba tal-ligi u apprezzament korret tal-fatti li fuqha ibbazat id-decizjoni taghha. Ghalhekk l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellanti.

(ii) Illi fl-ewwel lok il-premessa ta' fatt li qed jaghmlu l-appellanti u cioe` li Richard Vella ma kienx hallas il-prezz tax-xiri tal-fond Jodorida, Triq il-Gardiel, Marsaskala, hija falza u inveritiera u l-ewwel Qorti ghamlet sew li – wara li semghet volum kbir ta' provi fir-rigward – ma emmnithiex. Di fatti jirrizulta mix-xhieda tal-attrici appellata u tax-xhieda prodotti minnha kif ukoll mill-istess "income tax returns" li kien jissottometti il-konvenut appellant Richard Vella, il-pagamenti tal-prezz dejjem saru regolarment u komplew isiru tul il-hajja taz-zwieg, u dana ovvjament mill-fondi tal-komunjoni tal-akkwisti gia ezistenti bejn l-attrici u zewgha Richard Vella. Illi din li ma thallasx l-prezz tal-fond Jodorida kien biss pretest li adducew il-konvenuti appellanti biex ipprovaw jiggustifikaw il-manuvrar li sar minn Richard Vella u l-genituri tieghu John u Dorothy Vella – una volta li bdiet is-separazzjoni bejn Richard u Brigitte Vella – biex jekk hu possibbli inezzugh minn kull forma ta' assi li fuqhom l-attrici setghet tesegwixxi kull kreditu eventwali li seta' jkollha kontra Richard Vella bhala rizultat tal-kawza tas-separazzjoni.

(iii) Illi l-appellanti jaqblu li l-ewwel Qorti elenkat korrettement fis-sentenza taghha iz-zewg elementi li jikkostitwixxu l-"actio Pauliana" u cioe` l-"eventus damni" u l-"consilium fraudis" u ghalhekk hawn non si tratta ta' xi appell fuq punt ta' ligi imma biss dwar l-apprezzament tal-

fatti li ghamlet l-ewwel Qorti dwar jekk dawn ir-rekwiziti ghall-ezercizzju tal-azzjoni esperimentata mill-attrici appellata jezistux jew le. Il-Qorti ta’ l-Appell normalment ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Prim`Istanza dwar l-apprezzament tal-fatti!

(iv) Illi ghalkemm iz-zewg proprjetatjiet in kwistjoni ma kienux jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti gia ezistenti bejn Richard u Brigitte Vella, hu fatt pruvat li l-hlas tal-prezz b`rati annwali kien qed u baqa` jsir tul il-komunjoni tal-akkwisti u mill-fondi tal-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk l-attrici kellha u ghad ghandha kull dritt li tigi rizarcita ghal sehmha minn dan il-hlas li sar matul iz-zwieg. L-artikolu 1331 tal-Kodici Civli jiddisponi li kull wahda mill-partijiet fiz-zwieg ghandha taghti lura lill-komunjoni ta’ l-akkwisti kull somma ta’ flus jew il-valur ta’ kull oggett li parti tista’ tkun hadet mill-akkwisti biex thallas djun li ma jaqghux taht id-dispozizzjoni tal-art. 1327. L-artiklu 1330 imbaghad jiddisponi li meta l-beni tal-komunjoni tal-akkwisti ma jkunux bizzejjed biex jithallsu d-djun li jkunu piz fuqhom, il-kredituri ta’ dik il-komunjoni jistghu jinforzaw it-talba taghhom “in subsidium” kontra l-beni parafernali. Illi kienet altru milli korretta l-ewwel Qorti meta qalet li l-konvenut Richard Vella ma ppruvax li huwa jippossjedi assi ohra li fuqhom l-attrici tista` tesegwixxi il-kreditu taghha. Di fatti sal-gurnata tal-lum, anki wara li l-Qorti tal-Appell iddecidiet il-kawza tas-separazzjoni, ghadu ma instabx mezz kif l-attrici ser tiehu s-sehem taghha mid-depoziti tal-komunjoni li l-ewwel Qorti u l-Qorti ta’ l-Appell ordnat li ghandhom jinqasmu bejn il-mizzewgin. Ahseb u ara kemm ser jinstab mezz biex hi tithallas tal-kreditu taghha kontra l-komunjoni ghal dak li intefaq waqt iz-zwieg biex kompliet tithallas id-dar konjugali Jodorida kif fuq intqal!

(v) Illi sfortunatament fil-kawza tas-separazzjoni deciza definittivament mill-Qorti tal-Appell l-assi bankarji tal-kontendenti konjugi Vella ma gewx identifikati, maqsuma u assenjati b`mod specifiku u l-Qorti illimitat ruhha biss biex iddecidiet li: “tikkonferma fejn laqghet ir-raba` u l-hames domanda billi iddikjarat xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti sa issa ezistenti bejn il-kontendenti u billi iddividietha fis-sens li assenjat lil kull parti dak kollu li prezentament jinsab fil-pussess ta’ l-istess parti, inkluzi

flus, oggetti prezzjuzi u vetturi, u fejn ordnat li kull kont bankarju jew ma xi istituzzjoni finanzjarja ohra li prezentement jinsabu hekk depozitati kemm f`isem xi wahda mill-partijiet jew f`isimhom it-tnejn ghandhom jigu zbankati, u flimkien mal-interessi, divizi f`zewg porzjonijiet ugwali u assenjati lil kontendenti…" Illi dan il-mod vag kien u ghadu qed jaghti lok ghal dissidju ghax il-partijiet mhux qed jaqblu x`hemm x`jigi hekk diviz. L-attrici tippretendi li hemm certi depoziti li jridu jinqasmu u Richard Vella jikkontendi li hemm ferm u ferm inqas jekk mhux kwazi xejn sostanzjali. Ghalhekk f`dawn ic-cirkostanzi biss altru milli ghadu jezisti l-element tal-"eventus damni".

(vi) Illi ma ssemmiex ukoll li flimkien ma din il-kawza hemm kawza ohra fl-ismijiet "John Vella et vs. Richard Vella et" pendenti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili (PA/RCP differita ghal 21 ta' Marzu, 2002) fejn il-genituri tal-appellant Richard Vella qed jipprocedu kontra tieghu u kontra l-esponenti ghall-izgumbrament mid-dar konjugali Jodorida, Triq il-Gardiel, Marsaskala. Din l-ahhar kawza qed s`issa tistenna l-ezitu finali ta' din il-kawza pero` qed tikkostitwixxi minaccja ghad-dritt tal-esponenti bhala l-mara separata ta' Richard Vella li tkompli tghix flimkien ma' bintha fid-dar konjugali li zewgha ghogbu johrog minnha biex imur jikkoabita ma' mara ohra.

(vii) F`dan il-kuntest tajjeb li jigi citat dak li hemm fl-ewwel sentenza tas-separazzjoni pronunzjata mill-Prim`Awla fejn intqal testwalment:

*"Illi l-Qorti ma emmnitx il-verzjoni u c-cirkostanzi li spjega l-konvenut u l-familja tieghu relattivi ghad-dar konjugali u minghajr ma toqghod tidhol ghal fuq l-ezami tal-volonta` ta' l-attrici, jekk id-dar li qeghdha fiha togghobhiex jew le, tifhem li l-attrici ghandha jkollha d-dritt ghall-uzu esklussiv tad-dar matrimonjali ghaliha u ghal bintha biss, waqt li l-konvenut ghandu jkun responsabbli ghal kull kumpens li jista` jkun dovut lil xi terza persuna rigwardanti l-istess dar".* Fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell imbaghad, dan ma inbidilx anzi din l-Qorti qalet meta giet biex tistabbilixxi il-manteniment dovut lill-esponenti illi:

*"Il-Qorti qieset ukoll ic-cirkostanza importanti li l-appellanti ghadha tgawdi l-uzu tad-dar konjugali flimkien ma' bintha".*

(viii) Illi ghalhekk l-"eventus damni" li tista` u ser issofri l-esponenti jekk jigi milqugh l-appell odjern, u allura ma jkun hemm xejn x`jista' li jsir l-izgumbrament tal-esponenti u bintha mid-dar matrimonjali in virtu` fil-kawza l-ohra, johrog ukoll mill-fatt li l-attrici bhala mara separata ghandha d-dritt li tibqa` tgawdi l-uzu u abitazzjoni tad-dar matrimonjali, dritt li jemani ukoll mil-ligi li jinsab ukoll minaccjat mill-maganji (sic) li saru fil-konfront tal-esponenti minn zewgha u l-genituri tieghu li taw lok ghall-esperimentar tal-kawza odjerna.
(ix) Illi imbaghad dwar il-kredibilita` li ghandha tinghata lill-versjoni tal-konvenuti ghala saru dawn il-manuvri kollha biex titnehha kull proprjeta` li kellu f`idejh il-konvenut Richard Vella li fuqha setghet u ghadha tista` tesegwixxi xi pretensjoni l-attrici appellata, issir referenza ghall-inkonsistenza fix-xhieda tal-appellanti, partikolarment dik tal-appellanti Dorothy Vella. Johorgu kontradizzjonijiet lampanti fil-kontro-ezami li sar lil Dorothy Vella fuq dak li kienet iddikjarat fl-affidavit taghha. Fil-waqt li fl-affidavit cahdet kategorikament li hi u zewgha kienu ircevew pagamenti minghand binhom l-appellant Richard Vella, fil-kontro-ezami li sarilha fl-10 ta' Dicembru, 1999, spiccat qalet:
"Ma nistax nghid jekk Richard Vella kienx ihallas lil missieru l-flus lura".
Fl-istess kontroezami, meta giet mistoqsija jekk kienetx tmur hi ghand in-Nutar biex saru l-kuntratti impunjati, hija kienet wiegbet:

"Ghand in-Nutar ir-ragel kien imur".

Eppure dan hu kontradett mill-fatt li fuq il-kuntratt tal-5 ta' Mejju, 1989 u dak tal-11 ta' Mejju 1989, Dorothy Vella dehret personalment quddiem in-Nutar Dottor Angelo Vella.
(x) Imbaghad ghalkemm John Vella illum mejjet kien xehed li "Tlabt lil ibni jhallasni l-pagamenti kollha, pero` dan ma hallasx u qalli li ma kellux il-mezzi li jaghmel dan". Pero` mill-istatements tal-kotba tal-bank li l-esponenti esebiet quddiem l-ewwel Qorti jidher car li l-konjugi Vella kellhom fondi bizzejjed biex jithallsu l-pagamenti. Jekk imbaghad John Vella isostni li hu ma thallasx, hu ferm stramb li qaghad jistenna tmien snin biex jirriprendi l-proprjeta` minnu mibjugha u li dan il-manuvrar jikkoincidi

proprju maz-zmien meta beda il-litigju bejn l-esponenti u zewgha! U kieku kien verament minnu li ibnu Richard Vella ma kienx qed ihallsu tad-dar li kien bieghlu fil-1984, u qatt ma kien hallsu, ghaliex allura fil-1989 – hames snin wara, kompla iddenudixxa ruhu mill-proprjeta` tieghu favur l-istess ibnu prodigu, billi sahansitra iddonalu il-fond numru 9, St Joseph Street, Zejtun bil-kuntratt tal-4 ta' Mejju 1989? Ir-risposta hi li proprju ghaliex dak iz-zmien, John Vella kien iddona ukoll lill-ibnu l-iehor David Vella dar f`Marsaskala u peress li Richard Vella kien wera d-disapprovazzjoni tieghu ghal din id-donazzjoni lil huh, ghax b`hekk huh kien qed jigi preferut, saret id-donazzjoni l-ohra lil Richard Vella biex l-ahwa jigu ugwali. Issa kieku Richard Vella, li kien gia` fil-1984 ha dar b`ohra b`biegh (sic) u ma kienx qed ihallas il-prezz taghha, il-missier ma kien ikollu ebda obbligu li jgib lill-ahwa pari b`donazzjoni kull wiehed. Seta` facilment ha l-attitudni versu ibnu li jghidlu inti gia` ghandek dar u mhux qed thallas taghha kif suppost qed taghmel u allura dak li ha huk hadu skond il-haqq u l-gustizzja. Imma mhux hekk sar u John Vella rega` iddona post iehor lil ibnu Richard Vella li suppost kien ilu inadempjenti versu missieru fil-hlas tal-pagamenti annwali tad-dar matrimonjali Jodorida. Dawn fatti li mhumiex verosimili u ma jistghux jitwemmnu u kien proprju ghalhekk u ghal ragunijiet ohra imsemmija fit-trattazzjoni verbali tad-difensur sottofirmat li tinsab registrata w inserita fil-process, li l-ewwel Qorti irravizat l-element tal-“consilium fraudis” f`dan il-kaz. Imbaghad hemm il-fatt ukoll il Richard Vella ta' kull sena fl-“income tax returns” tieghu esebiti fil-process kien jikklajmja proprju li qed ihallas Lm750 fis-sena bhala prezz tad-dar li hu kien xtara.

(xi) Fil-kawza tas-separazzjoni, Richard Vella kien xehed li meta kien jghid lill-esponenti biex ihallsu lill-missieru jew jibdew jirrangaw id-dar, hi kienet taqbad twerzaq u theddu li jekk imiss il-flus tal-bank, hazin ikun ghalih. Imma dan ukoll hu kontradett mill-fatti ghax il-flus kollha li kienu jigu imfaddlin kienu kollha amministrati minnu. Tant hu hekk li hu kien gabar u xkupa (sic) l-flus kollha li kienu depozitati f`Malta kif ukoll il-flus li kien hemm depozitati barra bil-firma tieghu biss, malli beda l-inkwiet bejniethom. Dan gie ammess fil-kontro-ezami li

sar fl-1 t`April, 1998, fejn Richard Vella ammetta li l-flus qeghdin fuq ismu biss.

(xii) Illi tant hu hekk li sallum, anki wara s-sentenza ta` l-appell, ghad hemm problema kbira kif ser jinqasmu ugwalment skond is-sentenza tal-kawza tas-separazzjoni, ghax Richard Vella mhux qed jizvela il-konsistenza vera tad-depoziti u r-risparmji tal-komunjoni ghax kollox jinsab f`idejh u qed jipprova jghid li dawn issa spiccaw u m`ghadhomx jezistu. Ghalhekk zgur li ghad hemm kreditu tal-esponenti kontra l-komunjoni tal-akkwisti li hi ghandha interess li tikkawtela u tipprotegi b`din il-kawza. Di fatti sakemm ibqa` isehh (recte: tibqa' ssehh) l-minaccja tal-izgumbrament taghha mid-dar matrimonjali migjuba il-quddiem bil-kawza fl-ismijiet fuq citati u sakemm Richard Vella ma jizvelax ezatt x`hemm depozitati jew mohbi mid-depoziti li l-esponenti ippruvat li kienu jezistu tal-komunjoni, ser jibqa` jezisti l-interess taghha li tippromwovi din il-kawza. Jekk jintlahaq ftehim fuq x`ghandha tiehu l-esponenti minn sehemha tar-risparmji tal-komunjoni tal-akkwisti u li l-attrici tithalla tabita ma' bintha fid-dar matrimonjali, kif riedet li jsir l-ewwel Qorti fis-sentenza tas-separazzjoni, allura forsi dan l-interess jista' b`xi mod jigi ridimensjonat. Imma sakemm dan ma jsirx jibqa' l-interess guridiku tal-attrici appellata f`din il-kawza.

(xiii) Ghal dawn il-konsiderazzjonijiet u dawk li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza fl-istadju tal-appell, dan l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti konvenuti.

KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

6. L-appell jikkoncerna citazzjoni pprezentata mill-attrici kontra zewgha u l-genituri tieghu bbazata fuq l-actio pauliana. Il-Qorti ta' l-ewwel grad akkoljiet it-talbiet ta' l-attrici u l-appell qed isir mill-kontropartijiet konvenuti. Ghandu jinghad li fil-mori tal-proceduri miet il-konvenut John Vella.

Il-partijiet huma konkordi mhux biss dwar il-punt li hawn si tratta ta' l-azzjoni pawljana imma qeghdin jaqblu wkoll bejniethom li l-ewwel Qorti spjegat korrettement l-elementi kostitutivi ta' dina l-azzjoni mill-aspett legali jigifieri l-“eventus damni” u l-“consilium fraudis”.

7. L-aggravji tal-konvenuti appellanti huma diversi. B`mod generali huma ma jaqblux mal-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti jigifieri dik li mill-kumpless tal-provi, hemm provi bizzejjed dwar iz-zewg elementi fuq imsemmija li fuqhom hi bbazata dina l-azzjoni. Partikolarment huma tutto`ora jinsistu li l-appellata ma tikkwalifikax bhala kreditrici tal-appellant zewgha Richard Vella. Skond l-appellanti, mis-sentenza appellata johrog inoltre bic-car li l-kreditu ta' l-attrici kien dirett biss kontra l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u mhux fil-konfront tal-proprjeta` parafernali tal-konvenut appellant Richard Vella. Il-proprjetajiet mertu tal-kawza ma jiffurmawx parti mill-komunjoni ta' bejniethom. Minbarra dan, fil-komunjoni hemm bizzejjed assi biex id-drittijiet tal-attrici jibqghu mharsa. L-appellanti jsostnu li huma ma jistghux jifhmu kif l-ewwel Qorti kkonkludiet li l-attrici seta' kellha xi kreditu wkoll fil-konfront tal-proprjeta` parafernali ta' zewgha billi ma rrizultax li din ghandha xi kreditu fil-konfront ta' din il-proprjeta`. Ghalhekk huma jikkontendu li jonqos l-element ta' l-"eventus damni". L-Ewwel Qorti mbaghad (skond l-appellanti) evalwat malament ic-cirkostanzi li wasslu ghaz-zewg kuntratti impunjati mill-appellata. Ma kien hemm ebda agir frawdolenti, ossija kien nieqes it-tieni element tal-"consilium fraudis". Fl-ahharnett l-appellanti jilmentaw ukoll li l-ewwel Qorti "naqset totalment" milli taghti konsiderazzjoni xierqa lis-sottomissjonijiet kollha kif dawn gew esposti mill-gdid fil-korp tar-rikors ta' appell u dan in-nuqqas wassal ghal sentenza b`ezitu sfavorevoli ghalihom.

8. Il-Qorti, wara li semghet it-trattazzjoni u rat l-atti kollha tal-kawza tibda billi tosserva li ghal dak li ghandu x`jaqsam ma' gbir u produzzjoni ta' provi, kif ukoll ghal dak li jikkoncerna sottomissjonijiet min-naha tad-difensuri tal-partijiet, zgur li ebda parti ma tista' tillanja li kien hemm xi nuqqas taht dan l-aspett min-naha ta' l-ewwel Qorti. Jidher wisq evidenti li hawn si trattava ta' kawza kombattuta "ad oltranza" kemm min-naha u kemm minn ohra. Jirrizulta sahansitra f`certu kazi, bhal fil-kaz ta' l-attrici, li din xehdet f`xi hames okkazzjonijiet jew b`affidavits jew permezz ta' xhieda "viva voce" fil-tul. L-

istess ghamlu l-konvenuti appellanti. Saru inoltre diversi kontro-ezamijiet serrati lix-xhieda li ssejhu fil-kawza – principalment konsistenti f`membri tal-familja tal-partijiet kontendenti. Apparti dan, billi kienet ukoll ghaddejja fil-mori tal-proceduri kawza ghal separazzjoni “a mensa et thoro” bejn l-attrici u l-appellant zewgha Richard Vella, sar tentattiv, li gustament gie respint mill-Qori, biex fil-pendenza ta’ din it-tieni kawza (li marret fl-appell) ikun hemm is-soprasessjoni. Anki mit-trattazzjoni li giet traskritta jidher bic-car kemm kienet agwerrita l-kawza. Dan qieghed jinghad ghar-raguni li l-appellanti donnhom ippretendew li l-ewwel Qorti kellha bilfors u necessarjament issemmi <u>kull</u> punt ta’ fatt u <u>kull</u> argument imressaq quddiemha fil-korp tas-sentenza taghha. Fil-fehma tal-Qorti dan mhux xi rekwizit li l-ewwel Qorti kellha taghmlu b`obbligu <u>ad validitatem</u> u lanqas, bir-rispett kollu, m`hija tenuta din il-Qorti li toqghod issemmi u tirreagixxi ghal kull punt u ghal kull fatt kif jigi elaborat mill-partijiet in kawza. Li hu invece mehtieg huwa li dak li jinghad fl-artikoli 218 u 219 tal-Kap. 12 ikun gie segwit.

9. Il-fatti tal-kawza fis-semplicita` taghhom huma dawn: Brigitte u Richard, konjugi Vella izzewgu fit-3 ta’ Novembru 1984. Qabel iz-zwieg, il-konvenut Richard Vella kien akkwista b`titolu oneruz minghand il-konvenut missieru (illum mejjet) il-fond “Jodorida”, Triq il-Gardiel, Marsascala in forza ta’ kuntratt datat l-24 ta’ Ottubru 1984 (Dok B). B`kuntratt iehor in data ta’ l-4 ta’ Mejju 1989, il-konvenuti John u Dorothy, konjugi Vella, taw b`titolu ta’ donazzjoni lil binhom konvenut Richard Vella l-fond numru 9, St Joseph Street, Zejtun (ara Dok B). Tul iz-zwieg beda jinqala’ dizgwid serju bejn il-konjugi Brigitte u Richard Vella li wassal biex jinbdew proceduri bil-Qorti ghal fini ta’ separazzjoni. Fil-pendenza ta’ dawn il-proceduri, saru zewg kuntratti ohrajn da parti tal-konvenuti, mertu tal-kawza odjerna, u li l-attrici appellata qeghda tfittex biex timpunjahom. Fl-ewwel kuntratt, li sar fis-6 ta’ Ottubru 1992, it-tlett konvenuti ftehmu li d-donazzjoni rigwardanti l-fond taz-Zejtun jigi rexiss u b`att iehor in data tad-29 ta’ Dicembru, 1992, il-konvenut Richard Vella assenja lill-konvenut missieru, John Vella, l-

fond u dar tar-residenza konjugali f`Marsascala, b`titolu ta' "datio in solutum". Sa hawn huwa pacifiku.

10. L-attrici appellata ressqet provi biex turi li minkejja li l-fond f`Marsascala, fejn prezentement hija ghadha tirrisjedi flimkien ma' bintha, gie akkwistat u mixtri f`isem zewgha Richard Vella, fil-fatt hija kienet ivversat lil zewgha s-somma ta' Lm3,5000 bhala parti mill-bilanc tal-prezz dovut fuq dan il-fond. Dan il-fatt pero` hu michud mill-kontroparti konvenuta li insistiet li l-attrici ma hallset xejn. Di piu` l-attrici tghid li oltre l-ammont fuq imsemmi hija vversat somom ohrajn kull sena lill-konvenut zewgha mill-impjieg taghha biex jigi ssaldat il-bilanc li kien ghadu skopert fuq id-dar matrimonjali f`Marsascala. Dwar it-tieni fond, moghti b`donazzjoni, li jinsab iz-Zejtun, l-appellata filwaqt li tirrikonoxxi li dan kien fond li jifforma parti mill-assi partikolari, ossia parafernali ta' zewgha Richard Vella, hija pero` tikkontendi li dan l-fond "kellu dejn versu l-assi partikolari tal-attrici, kif ukoll versu l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn l-attrici u zewgha".

11. Fl-aggravju taghhom il-konvenuti insistew li l-attrici bl-ebda mod ma ppruvat li hija kienet tassew kreditrici ta' zewgha. L-aktar li seta' jinghad kien li hija kellha xi kreditu potenzjali fuq il-komunjoni liema kreditu seta' pero` jithallas. L-Ewwel Qorti f`dan ir-rigward ghamlet referenza ghad-decizjoni in re: "Giuseppina Ciancio vs Michela Buontempo et" (Vol XXXIV – III – 851) fejn gie ritenut li f`materja ta' azzjoni pawljana l-kelma "kreditu" ghandha tigi interpretata mhux fis-sens ristrett ta' persuna li ghandha kreditu prekunjarju accertat, imma fis-sens ta' kull min ghandu azzjoni x`jiddeduci biex jirreklama l-adempiment ta' obbligazzjoni, b`mod li jista' jisperixxi tali azzjoni kull min jinsab ippregudikat bil-fatt ta' haddiehor b`atti kompjuti mid-debitur. Fil-precitata decizjoni l-Qorti kompliet telabora hekk:

"Il-mara li tinsab pregudikata minn att kompjut minn zewgha, ghax dan ikun iddispona minn beni ta' l-akkwisti, tista` tipproponi din l-azzjoni wara l-mewt ta' zewgha minghajr m`hemm bzonn li qabel hija titlob il-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti ….".

Dan kollu qieghed jinghad il-ghaliex fl-aggravji taghhom fir-rigward ta' l-element l-"eventus damni", il-konvenuti

appellanti sahhqu hafna fuq il-punt li hawn si tratta biss ta' kreditu potenzjali fuq il-komunjoni ta' l-akkwisti. Imma kif gustament ukoll osservat l-ewwel Qorti, ir-ragel ma jista' jaghmel xejn biex jippregudika d-drittijiet ta' martu fl-istess komunjoni. Multo magis meta dan l-operat imbaghad ikun sehh fil-pendenza ta' procedura ta' separazzjoni bejn il-konjugi. Id-domanda li trid issir ghal fini ta' l-"eventus damni" hija din: bl-att jew bl-atti impunjati, id-debitu jkun almenu ppeggjora l-posizzjoni finanzjarja tieghu bi hsara tal-kreditur domandanti? Jekk it-twegiba hija fil-posittiv, allura dan l-element ikun gie ppruvat. Jekk imbaghad jigri wkoll li bit-tnaqqis tal-assi tal-komunjoni ma jkunx hemm bizzejjed biex jigi sodisfatti d-dejn li jkun jaggravaha, allura jidhlu fis-sehh id-disposizzjonijiet li nsibu fl-artikoli 1330 u 1331 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. L-artikolu 1331 tal-Kodici Civili jiddisponi li kull wahda mill-partijiet fiz-zwieg ghandha taghti lura lill-komunjoni ta' l-akkwisti kull somma ta' flus jew il-valur ta' kull oggett li parti tista' tkun hadet mill-akkwisti biex thallas djun li ma jaqghux taht id-dispozizzjoni ta' l-artikolu 1327. L-artikolu 1330 imbaghad jiddisponi li meta l-beni tal-komunjoni ma jkunux bizzejjed biex jithallsu d-djun li jkunu piz fuqhom, il-kredituri ta' dik il-komunjoni jistghu in subsidium jinforzaw it-talba taghhom kontra l-beni parafernali. L-appellanti nsistew li l-attrici mhux veru li avvanzat flejjes fl-akkwist tal-fond f`Marsascala izda l-ewwel Qorti dehrilha li l-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-attrici kienet aktar attendibbli u din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni l-ghala ghandha tiddisturba din il-konkluzjoni. Anzi ghandu jigi rilevat ukoll il-fatt li l-konjugi John u Dorothy Vella kienu bdew ukoll proceduri ulterjuri biex jizgombraw lill-attrici u lil zewgha (li fil-frattemp m`ghadux joqghod hemm) mid-dar matrimonjali peress li bl-att impunjat dan il-fond f`Marsascala kien allura suppost rega` sar proprjeta` taghhom.

12. Dwar it-tieni element, jigifieri dak tal-"consilium fraudis", hawn ukoll l-appellanti jsostnu li ma jirrizultax ippruvat. Dwar dan l-aspett ukoll pero` din il-Qorti hija tal-fehma li ma hemm xejn x`wiehed jiccensura fil-mod kif l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li dan l-element gie sufficjentement ippruvat. Imqar jekk il-konvenut John

Vella, missier Richard Vella, ried jassigura li bis-separazzjoni ta' ibnu minn ma' martu huwa ma jigix li tilef dak kollu li kien ittrasferixxa lil ibnu, fl-istess waqt ma setax ikun li ma rrealizzax li bl-operat tieghu l-mara ta' ibnu kienet ser tigi ppregudikata serjament. L-ewwel Qorti ccitat s-sentenza fil-kawza fl-ismijiet "Emanuele Calleja vs Carmelo Grima et" (Vol XXXIX – I – 24) deciza mill-Qorti ta' l-Appell in kwantu fiha gie ritenut illi l-animus nocendi mhux mehtieg biex tigi ezercitata l-azzjoni revokatorja, imma huwa bizzejjed li jkun hemm ix-xjenza li l-att ser ikun leziv ghall-kreditu. Dan japplika ghall-fond f`Marsascala li gie akkwistat b`titolu oneruz u wzat bhala d-dar matrimonjali. Fil-kaz tal-fond l-iehor fiz-Zejtun imbaghad, l-ewwel Qorti gustament irriteniet li trattandosi hawn ta` transazzjoni gratuwita (rexxissjoni ta' donazzjoni). L-artikolu 1144(3) tal-Kap 16 jipprovdi li "jekk dawn l-atti ikunu b`titolu gratuwitu, bizzejjed li l-kreditur jipprova li kien hemm qerq min-naha tad-debitur". L-ewwel Qorti ghamlet anke referenza ghad-dottrina legali minn awturi fis-sens li imqar fejn att ikun sar b`ghan onest, fejn xorta wahda wiehed seta` jipprova li bl-effett tieghu dan ser jaghmel hsara lill-kredituri, hemm dejjem il-"consilium fraudis". Dan ghaliex min ikun jaf bl-effett ta' xi att, u b`danakollu jrid jaghmel dak l-att, allura jsegwi li huwa jrid ukoll dak l-effett u dan ghaliex kif jelabora l-awtur Solazzi (ara "Revoca degli Atti Fraudolenti") citat fis-sentenza appellata "la rapprezentazione dell`effetto della propria azione costituisce il contenuto della volonta`".

13. L-aspett l-iehor ta' l-aggravju ta' l-appellanti jikkostitwixxi f`evalwazzjoni tal-fatti emergenti mill-provi prodotti, evalwazzjoni "ex parte" intiza biex tikkonvinci lil din il-qorti ta' revizjoni biex tasal ghal konkluzjoni differenti minn dik raggunta mill-ewwel Qorti. Il-konjugi John u Dorothy Vella, jghid ir-rikors ta' l-appell, mhux veru li kienu rcevew xi hlas minghand binhom jew martu l-appellata akkont tal-prezz ta' bejgh tal-fond f`Marsascala. Din il-Qorti, bhal dik ta' qabilha, diga esprimiet il-fehma taghha dwar dan l-aggravju. Dejjem skond ma hemm elaborat fir-rikors ta' appell il-konjugi John u Dorothy Vella meta raw il-gravita` tat-tilwim li nqala` bejn binhom u l-appellata waslu "ghall-konkluzjoni logika li huma kienu zbaljaw meta

ddecidew illi jqassmu gidhom matul hajjithom u jirregalaw lil binhom bid-dar tar-residenza taghhom”. Fl-ewwel lok diga` ntqal li l-provi juru li, bil-maqlub ta` dak li gie asserit mill-appellanti, hlasijiet akkont tassew ghaddew fuq dan il-fond ta` Marsascala. Fit-tieni lok, ankorke` dak li gie espress u esperjenzat mill-konjugi Vella seta’ kien tabilhaqq veritjer, xorta wahda ma jbiddilx il-fatt l-iehor li bl-operat taghhom l-appellanti rrekaw pregudizzju serju lill-appellata kif gia` spjegat supra. L-appellanti jittinbraw gratwitament dan il-pregudizzju bhala wehed “minimu u potenzjali” fil-konfront ta’ l-appellata. Din il-Qorti bhal dik ta’ qabilha, hija ta’ fehma diversa. Min jipprova li hareg flus ghax-xiri ta’ fond u qieghed jiffaccja talba biex jigi zgumbrat minn dan il-fond, oltre li l-fond innifsu qieghed imur lura u jirriverti f`idejn il-venditur, certament tkun qieghed isofri pregudizzju sostanzjali u reali. L-appellanti jaghmlu enfasi wkoll ghall-fatt li meta ddepona l-appellant huwa kien “in articolo mortis”. Dan huwa minnu, pero` dan ukoll ma jbiddel xejn mill-konsiderandi li gia` ghamlet din il-Qorti dwar il-pregudizzju reali rekat lil-appellata. Fir-rigward imbaghad tal-fond fiz-Zejtun moghti b`donazzjoni, huwa aktar minn ovvju li meta l-att ta’ donazzjoni dwar il-fond fiz-Zejtun gie rexiss hawn ukoll jirrizulta li dan l-operat arreka pregudizzju serju lill-appellata bhala “kreditrici” ta’ zewgha, l-appellant Richard Vella.
Mill-bqija, il-kostatazzjonijiet maghmula mill-ewwel Qorti, pjenement kondivizi minn din il-Qorti, huma gusti u mhux il-kaz li din il-Qorti toqghod tirrepetihom fil-korp ta’ din id-decizjoni.

Ghal dawn ir-ragunijiet tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell tal-konvenuti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

--------------------------------TMIEM--------------------------------